MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2009

Numru 369/2009

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Fabian Fleri)**

**vs**

**Simon Camilleri**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputat Simon Camilleri, iben Carmel u Grace nee' Grech, mwieled Pieta' nhar it-22 ta' Awwissu 1988, residenti gewwa 8, Spadaro Street, Zabbar u detentur tal-karta tal-identita' numru 392888(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

B’ diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li kisru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi, u liema atti gew maghmula b’ rizoluzzjoni wahda :

1. Bejn l-1 ta’ Frar 2009 u id-9 ta’ April 2009, gewwa Marsaskala, Fgura u gewwa dawn il-gzejjer, iffalsifika xi biljett tal-flus, jew mexxa biljett tal-flus falsifikat li kien jaf li hu falsifikat u aktar talli ;

2. Fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi, minghajr awtorita legali jew minghajr skuza, legittima jew ragonevoli xtara jew ircieva minn ghand xi persuna, jew kellu fil-kustodja jew pussess tieghu, biljett tal-flus falsifikat li kien jaf li l-istess kien iffalsifikat.

Il-Qorti kienet gentilment mitluba sabiex f’ kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta’ spejjes li jkollhom x’ jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ghas-sigurta ta’ dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tad-9 ta’ Lulju, 2009 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fis-seduta tad-9 ta’ Lulju, 2009 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu, din il-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba u huwa nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga’ lura minnha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputat, il-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessa.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fedina penali tal-imputat relattivament netta u l-fatt li l-imputat ikkopera fil-kors tal-investigazzjonijiet kif ukoll il-fatt li huwa ghadda informazzjoni lill-Ufficjal Prosekutur li ghenet lill-Pulizija sabiex issolvi kazijiet konnessi.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 45, 46 u 47 tal-Kap. 204 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li qed issib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor sa zmien sentejn(2) millum. Inoltre, il-Qorti tordna l-konfiska tal-biljetti mmarkati bhala Dok FF1 favur il-Bank Centrali ta' Malta.

Il-Qorti tordna ukoll li ai termini tal-Artikolu 401(3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kopja ta' din is-sentenza u l-atti kollha tal-procediment jintbaghtu lil Avukat Generali fiz-zmien skond il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------